MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2011

Numru 819/2006

**SPETTUR ROMINA VENEZIANI**
**VS**
**OMAR FAIZ ELSALLAK**

Il- Qorti,

Rat l-imputazzjoniet migjuba kontra l-imputat Omar Faiz Elsallak, ta’ 37 sena, iben Omar u Fatima nee’ Ferghani, imwieled Benghazi, Libya fit-3 ta’ Awwissu 1969 u li joqghod gewwa Flt 1 Marlene Triq Testaferrata, Gzira, detentur tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 23784(A)

Fejn gie akkuzat talli fid-29 ta’ Gunju 2006 ghal habta tas-1.15am, gewwa It-Tulip Bar fi Triq Testaferrata Msida, ikkaguna griehi ta’ natura gravi fuq il-persuni ta’ Brenda Mallia mill-Belt Valletta u ta’ Maria Dolores Bugeja mill-Imsida u dan ai termini tal-artikolu 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament hebb ghall-persuni tal-istess Maria Dolores Bugeja u Brenda Mallia u kkagunalhom feriti ta' natura hafifa u dan ai termini tal-artikolu 221(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat, glied u storbju iehor u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta;
Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Mix-xhieda tal-prosekuzzjoni (a fol 21 et seq.) senjatament mix-xhieda tal-Ispettur Romina Veneziani jirrizulta illi  l-pulizija kienu rcevew rapport li kien hemm stabbing fit-Tulip Bar, Testaferrata Street, Gzira u li Doreen Bugeja u Brenda Mallia kienu ndarbu mill-imputat. Doreen Bugeja kienet ittiehdet l-isptar fejn it-tobba kienu ccertifikaw illi kienet qed issofri minn griehi ta' natura gravi ara certifikati RVX 1, 2, 3 u 4. L-imputat gie arrestat u rrilaxxa stqarrija Dok. RV3 a fol 14.

F'din l-istqarrija l-imputat jghid li fid-data citata fl-akkuza huwa kien qieghed fil-flat tieghu li jigi faccata ta' Tulip Bar meta ra lil Doreen Bugeja tigref il-karozza tieghu b'cavetta. Wara dan hija dahlet it-Tulip Bar. L-imputat stqarr li nizel mill-flat tieghu, iccekja l-karozza tieghu u ra zewg girfiet li ma kienux hemm qabel u dahal fi Tulip Bar, ghajtilha u ta' daqqa ta' harta "bic-catt". Imbaghad gie fuqu certu Joseph illi jigi n-neputi ta' sid il-hanut u qallu biex jikkalma, l-imputat pogga bilqieghda fuq banketta, kien hemm Doreen quddiemu u ghalih kien "ghadda kollox". F'daqqa wahda, qala' daqqa ta' ponn go rasu

minn Brenda Mallia li bdiet toffendih bil-familja tieghu u tghidlu hafna kliem vulgari. L-imputat jghid li damu jiggildu xi ghaxar minuti imbaghad mar id-dar.

F’addenda fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid “biex Brenda qabzet ghal Doreen sinjal li kellha xi skop go mohhha, jien nahseb li riedet tehodli c-cappetta li kelli f’idi. Filfatt din ic-cappetta li tiswa madwar Lm 600 ma sibtix aktar f’idi” (a fol 15).

PS245 Keith Arnaud ikkonferma x-xhieda tal-Ispettur Veneziani fuq il-griehi gravi ta’ Brenda Mallia u Doreen Bugeja li kellhom jigu rikoverati l-isptar. PS 245 Keith Arnaud xhed illi Bugeja qaltlu li hija kienet dahlet it-Tulip Bar ghal affari taghha, kien ghajtilha l-imputat u x’hin resqet lejh, xejrilha daqqa ta’ ponn f’wiccha u bid-daqqa hija kienet waqghet mal-art, waqt li n-nies tal-bar bdew izommu lil Omar Faiz. Bugeja nfurmat lil pulizija li Brenda Mallia kienet ppruvat tkellem lill-imputat u dan kien imbuttha.

Brenda Mallia mitkellma minn PS Arnaud, qalet illi meta rat lill-imputat jaghti daqqa ta’ ponn f’wicc Bugeja, hija marret biex izommu u tghajjat mieghu; l-imputat spicca biex imbuttha u tefghaha barra mill-bar ukoll. PS Arnaud a fol 29 xhed illi kellem ukoll lil imputat li nfurmah li waqt li kien qieghed fil-gallarija tal-flat tieghu, ra lil Doreen Bugeja tigriflu l-karozza tieghu.

Doreen Bugeja a fol 31 et seq. xhedet illi hija kienet dahlet it-Tulip Bar u bdiet titkellem mal-imputat “bdejna nghajtu naqra kien hemm naqra ghajjat fil-verita’” u kienet indahlet Brenda meta “ma kellix ghalfejn”. Doreen Bugeja xhedet li aktarx hi weggghet ghax intlaqtet bil-minkeb. Fuq domanda tal-Qorti Doreen Bugeja kkonfermat li hija sofriet frattura tal-ghadma tal-imnieher u girfa f’wiccha. Hija kkonfermat li Brenda kienet incinta meta qabzet ghaliha. Mitluba ripetutament jekk kinitx qed tibza’ minn xi hadd jew xi haga, Doreen Bugeja baqghet issostni li ma kellix ghalfejn tibza’ mill-imputat.

Dr Jacque Diacono a fol 38 ikkonferma Dok. RVX 2 certifikat mediku u l-griehi ta' natura gravi per durata ta' Bugeja konsistenti fi ksur tal-ghadma ta' imniehirha.

Alfred Grech a fol 53 et seq. jghid illi huwa ma rax kif sehh l-incident ghax kien il-boghod u kull ma ra kien gegwigija ta' nies. Sussegwentement jaf li kien hemm mara li daru maghha xi nies.

Marco Risiott ikkonferma illi huwa kien qed jixrob Coca t-Tulip Bar u ra konfuzjoni ta' nies u paniku izda ma ra lil hadd isawwat lil hadd u huwa jghid illi wara dan ra lil Brenda Mallia li dehret imwegga'. Risiott xhed li ghalkemm jaf lill-imputat ma jafx li kien hu li kien involut f'xi glieda.

Fit-tieni xhieda tieghu a fol 60 Alfred Grech xhed li dak in-nhar tal-incident kien wassal lil mara bil-laqam "ic-ciniza" sa Tulip Bar u baqa' sejjer is-showroom li hemm ftit aktar il-boghod. Illi wara ftit sema' xi storbju u nizel lura lejn it-Tulip Bar izda l-glieda kienet spiccat. Alfred Grech jghid illi ra lil Brenda Mallia fi Tulip Bar ukoll. Alfred Grech xhed illi huwa kien wassal lil Brenda Mallia u "c-ciniza" sal-isptar. Alfred Grech xhed illi huwa jiehu xi sitt pinnoli kuljum u ma tantx ghadu jiftakar, l-anqas jiftakar per ezempju li ha lil Mallia u lil Bugeja sal-ghassa tal-pulizija tal-Imsida. B'reluttanza kbira Grech fl-ahhar jammetti li Bugeja kienet qaltlu li kien "missha" l-Faiz.

Marco Risiott a fol 68 xhed li Brenda Mallia kellha d-demm ma' rasha. Jinnega l-verzjoni li ta lil pulizija li tidher fl-okkorenza u cioe' "he saw Faiz grabbing Doreen from her hair… and then he assaulted her" u li diversi nies kienu zammew lil imputat u ra lil Brenda Mallia midruba mal-art barra mill-bar. A fol 70 jghid li ra lil Brenda Mallia li kient tqila, bilwieqfa u li qaltlu li kellha d-demm ma' rasha izda a fol 71 iddikjara :

**"Lil Doreen ma qabadiex minn xagharha u jkaxkarha jigifieri ta' jigifieri, kemm qabadha minn xagharha, jien naf, forsi gibdha daqsxejn, hekk".**

Irid jinghad illi Risiott minkejja li semmgha Doreen fil-fatt kien qed jirreferi ghal Brenda Mallia u dan johrog car mit-tifsira tax-xhieda tieghu.

Brenda Mallia a fol 74 xhedet illi kienet fi Tulip Bar fid-data citata fl-akkuza meta rat lil imputat isawwat lil Doreen Bugeja hija interveniet sabiex jieqaf  u “spicca jaghti lili wkoll”.

Mallia xhedet illi hija kienet b’xahrejn tqala u sofriet minn qsim fl-iskutella ta’ rasha li rikkjediet sbatax (17) –il punt u kellha black eye. Hija xhedet li l-imputat kien ta’ xeba daqqiet ta’ ponn u spiccat barra mill-bar. Brenda ddikjarat illi hija u Bugeja ttiehdu l-isptar.

Mallia xhedet illi hija rat lil imputat ixejjer daqqa ta’ ponn f’wicc Doreen Bugeja. Bugeja qaltilha illi hija kienet hafret lil imputat ghax bezghet minnu. Mallia xhedet illi anki meta hija kienet il-lock-up tal-Qorti, l-imputat qalilha biex tghid li ma tiftakar xejn ghax kienet fis-sakkra.

Dr Denise Formosa kkonfermat ic-certifikat mediku ta’ griehi gravi fuq Mallia, ezebit a fol 27.

Emanuel Ellul sid ta’ hanut f’Testaferrata Street ikkonferma li l-imputat kien xejjer daqqa ta’ ponn lil Doreen Bugeja u li huwa hareg minn wara l-bank u ferraqhom. Fil-pront interveniet Brenda Mallia li bdiet tghajjar lil imputat li kien qed isawwat mara. Mitlub jghid kemm –il mara l-imputat sawwatx lil Mallia, Emanuel Ellul jghid “kienet ghadha sewwa ghax quddiemi kull ma gara gbid mix-xaghar”. **Ellul xhed li apparti mill-imputat hadd iehor ma sawwat lil Brenda Mallia.** Ellul xhed illi l-ghada l-imputat infurmah li kien tilef brazzuletta.

Doreen Bugeja xhedet illi hija kienet qed tahfer lill-imputat u li fil-fatt ma riditx tiehu passi kriminali kontra tieghu. In kontro ezami Bugeja tammetti illi hija sfat b’frattura f’imnehirha u qasma fuq x-xaghar tal-ghajnejn li kienet tirrikjedi butterfly stitches. Bugeja xhedet illi dak iz-zmien tal-incident hi u Brenda ma kinux hbieb tal-qalb izda Mallia xorta qabzet ghalija ghax “ma hamlitx”.

L-imputat Omar Faiz Elsallak ikkonferma illi fid-data tal-incident huwa kien xurban u kien ta' daqqa go wicc Bugeja, li kienet tikkonsisti aktar f'azzjoni ta' "imbuttajtha minn wiccha". Illi fil-hanut kien hemm ukoll Brenda Mallia li giet minn warajh u taghtu daqqa ta' ponn go rasu u dana sabiex tehodlu c-cappetta li kellu f'idejh. In-nies tal-bar zammewhom. L-imputat iddikjara li dak iz-zmien Doreen Bugeja u Brenda Mallia kienu miggildin.

L-imputat iddikjara illi Brenda weggghet 'il ghaliex dak in-nhar kienet fis-sakra, kienet bit-takkun u li waqghet fil-parti ta' quddiem tal-hanut.

Ikkunsidrat:

Illi mill-asjem tal-provi prodotti jirrizulta pprovat minghajr dubju dettat mir-raguni illi l-imputat, li kien ra lil Bugeja tigriflu l-karozza, nizel sparat go Tulip Bar fid-data citata u sawwat lil Bugeja billi xejrilha daqqa ta' ponn f'wiccha u bhala konsegwenza kisrilha l-ghadma ta' imnehirha, ic-certifikat mediku ta' dawn il-griehi gie awtentikat skont il-ligi mit-tabib li rrilaxxah u li kkonferma li l-griehi kienu gravi per durati. Illi di piu, certu Brenda Mallia li kienet incinta, marret biex taqbez ghal Doreen Bugeja u sfat aggredita mill-imputat li spicca qabadha minn xaghra, kaxkarha sakemm tefghha il barra mill-hanut b'rizultat illi din kellha qasma f'rasha li kienet tirrikjedi sbatax (17)-il punt. Dawn il-griehi ukoll gew certifikati mit-tobba li awtentikawhom skond il-ligi.

Doreen Bugeja ghazlet illi tahfer lil imputat. Din il-Qorti pero tqis li din il-"mahfra" kienet sforz il-biza' li Bugeja ghandha mill-imputat.

Illi l-imputat fl-istqarrija tieghu jghid illi kien ipprovokat minn Bugeja il ghaliex kien ghadu kemm ra tigriflu l-karozza. Dan li stat ta' fatt pero, imkien mhu imsemmi mill-imputat fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti. Illi di piu jghid illi huwa fl-ebda hin ma kellu x'jaqsam ma' Brenda Mallia u li din qabdet u ndahlet f'din il-facenda

sempliciment sa biex tisraqlu c-cappetta. Jghid ukoll illi huwa fl-ebda hin ma mess lil Brenda Mallia.

Illi din il-Qorti wara illi ezaminat ix-xhieda tal-imputat kif ukoll l-istqarrija tieghu u ma tista' taghti ebda affidabilita lit-testimonjanza tieghu u dana aktar u aktar meta wiehed jikkonsidra l-biza' u r-reluttanza kbira ta' xhieda principali Doreen Bugeja, kif ukoll tax-xhieda indipendenti ta' Risiott u Grech u x-xhieda ta' sid il-hanut Ellul illi kkontrastaw max-xhieda tal-imputat.

L-imputat jinsab akkuzat ukoll tal-ksur tal-buon ordni u paci pubblika u din l-akkuza hija provatata sodifacentament mill-prosekuzzjoni.

Illi ghal dawn il-mottivi l-Qorti ssib lil imputat Omar Faiz Elsallak hati skond l-akkuza, bit-tieni akkuza assorbita ghal fini ta' piena fl-ewwel akkuza, u wara li rat l-artikoli 216(1)(d), 221(1), 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah ghal tmintax (18) –il xahar prigunerija.

Din il-piena giet akkordata wara li l-Qorti hadet inkonsiderazzjoni l-fatti speci tal-kaz, il-gravita tal-griehi sofferti minn zewg nisa, wahda minhom incinta, u l-fedina penali raffrettarja tal-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------